KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA**

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 27** **IS-SITT KUNSILL**

Is-seba u għoxrin seduta tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-**Erbgħa 9 ta` Frar, 2011** fil-7.23 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Bobby Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Julian Galea, u Nicolai Gauci.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-Assistant Principal Stefania Friggieri.

**SKUZAT**

Il-Kunsillier Nikki Dimech, P Pace

Is-Sindku ppresediet.

Is-Sindku pproponiet li minhabba li ma kienx qed ikun hemm kworum ghal-laqghat tal-Kunsill u ghalhekk ma sarux pagamenti, jkun hemm bdil fl-ordni tal-agenda billi jigi diskuss issa *item* numru 3. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan.

**3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Skeda ta' Pagamenti**

28.3.1 Saret diskussjoni dwar is-servizz tat-trasport ċirkolari f'Tas-Sliema.

28.3.1.1 Is-Sindku ressqet ghal attenzjoni tal-Kunsill il-htiega li tinhareg sejha ghall-offerti ghas-servizz tat-trasport ċirkolari f'Tas-Sliema.

28.3.1.2 Is-Sindku spjegat li fi Frar 2010 il-Kunsill ircieva korrispondenza mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali li tghid li dan is-servizz ghandu jieqaf malli jibda jopera s-servizz il-gdid tat-trasport pubbliku.

28.3.1.3 Is-Sindku qalet li minn informazzjoni li kisbet, jidher li s-servizz ta' trasport cirkolari jrid jieqaf f'Lulju.

28.3.1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mill-kuntrattur li qed jopera s-servizz cirkolari fejn spjegat li l-kuntrattur qed jitlob ħlas oghla ghas-servizz tieghu minhabba l-għoli tal-*fuel*.

28.3.1.5 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jikteb lit-Transport Malta, lis-Sur Conrad Pule, fejn tkun spjega s-sitwazzjoni partikolari tal-lokalita taghna. Is-Sindku pproponiet li jekk il-Kunsill jigi nfurmat li s-servizz jista' jibqa' jingħata sa Lulju il-Kunsill għandu jippubblika sejħa għall-kwotazzjonjiet, waqt li jekk il-Kunsill jigi nfurmat li s-servizz jista' jibqa' għaddej tigi ppubblikata sejħa għall-offerti ghas-servizz ta' transport cirkolari. Is-Sindku pproponiet li sew jekk tigi ppubblikata sejha ghal kwotazzjonijiet u sew jew tkun ippubblikata sejha ghal offerti il-perjodu tal-avviż għadu jkun ta' ġimgħatejn. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea u N. Gauci ivvutaw favur.

28.3.1.6 Il-Kunsillier E. Cuschieri ippropona li dan is-serivizz jingħata fis-sajf biss. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan b'mod unamimu

***Il-Kunsillier Y. Cali talab li jiġi skużat fis-7.34 ta' filghaxija***

28.3.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina tablet risposta dwar il-mistoqsijiet li kienet għamlet.

28.3.2.1 Is-Sindku qalet li dawn ghandhom jigu diskussi f'seduti ohra biex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti l-pagamenti.

***Il-Kunsilliera M. Aquilina talbet li tiġi skużata fit-7.50 ta' filghaxija***

28.3.3 Ic-cedola tal-pagamenti ġiet moqrija pagament pagament.

28.3.4. Il-pagamenti bir-referenza 209 sa 221 ġew approvati bi qbil unanimu mill-Kunsillira preżenti.

28.3.5. Dwar il-pagamenti bir-referenza numru 222 f'isem l-Accountant Cleansing Servicing Department għal servizzi ta' gbir ta' bulky refuse, knis ta' toroq u tindif tal-latrini pubbliċi ttieħed vot kif ġej:
Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera S. Camillieri, E. Cuschieri, J. Galea favur. Il-Kunsilliera M. Debono u N. Gauci astjenew.

28.3.6 Dwar il-pagamenti bir-referenza numru 224 f'isem il-Velljo għal servizz ta' ġbir ta' skart mhux riciklabbli ttieħed vot kif ġej:

Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera S. Camillieri, E. Cuschieri, J. Galea favur. Il-Kunsilliera M. Debono u N. Gauci astjenew.

28.3.7 Il-pagamenti bir-referenza numru 225 u 256 ġew approvati bi qbil unanimu mill-Kunsilliera preżenti.

***Il-Kunsillier M. Debono talab li jiġi skużat li jitlaq mis-seduta fit-8.02 ta' filghaxija***

28.3.8 Il-pagamenti bir-referenza numru 257 sa 287 ġew approvati bi qbil unanimu mill-Kunsilliera preżenti.

28.3.9 Ġiet ipprezentata lista oħra ta' pagamenti addizzjonali.

28.3.10 Il-pagamenti bir-referenza numru 298 sa 337 ġew approvati bi qbil unanimu mill-Kunsilliera preżenti.

28.3.11 Ghall-pagamenti bir-referenza numru 338, 339 u 340 f'isem Velljo Services (gbir ta' skart), Mr Cyrus Engerer (reimbursement għall-attivita kulturali) u Accountant Cleansing Services Department (Knis, Latrini Pubbliċi u bulky) rispettivament, ittieħed vot kif ġej:

Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera E. Cuschieri, J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsilliera S. Camilleri u N. Gauci astjenew.

28.3.11.1 Dwar il-pagament bir-referenza numru 339, is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li hlasijiet ghall-attivitajiet kulturali ghandhom jigi mhallsa b'invoice.

28.3.12 Il-pagament bir-referenza numru 341 ġie approvat bi qbil unanimu mill-Kunsilliera preżenti.

28.3.13 Dwar il-pagamenti għal tiżjin tal-Milied mis-Soċjeta Filarmonika Sliema u mis-Socjeta Filarmonika Stella Maris, is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-pagament lis-Soċjeta Filarmonika Sliema huwa somma totali tal-kwotazzjonijiet li nghataw lil din is-Socjeta.

28.3.13.1 Dwar il-pagament lis-Soċjeta Filarmonika Stella Maris is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill ghal varjazzjoni fl-ammont ta' fuq l-invoice ma' dak tal-kwotazzjoni. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li d-differenza kienet tirrifletti festuni addizjonali li l-Kunsill kien hareg s-sejha ghalihom.

28.3.14 Il-Kunsill approva bi qbil unanimu l-pagamenti b'referenza numru 164 sa 208.

28.3.15 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ghandhom jinxtraw it-tabelli proposti mill-Kunsillier S. Camillieri

28.3.16 Il-Kunsillier S. Camilleri pproponiet li Tas-Sliema tinqassam f'żoni u li kull Kunsillier jieħu responsabbilta tagħha. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

28.3.17 Il-Kunsillier J. Galea ippropona li l-Kunsill jutilizza ikel partikolari biex il-ħammiem ma jkunx jista jerga jirroproduci. Il-Kunsilliera S. Camilleri ssekondat. Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera E. Cuschieri ~~+ N Gauci astjenew~~. Il-kunsillier N Gauci vota kontra. Il-mozzjoni għaddiet b'żewġ voti favur.

## 6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Kwotazzjonijiet

28.6.18 Is-Sindku qalet li kien hemm bżonn li jsiru diversi kaptelli godda minhabba li dawn kien ta' periklu. Is-Sindku pproponiet li ghandu jitqabbad il-kuntrattur tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta b'mod unanimu.

28.6.19 Is-Sindku qalet li kien hemm bżonn li ssir tiswija fuq bankina fi Triq Gużè Cardona. Is- Sindku pproponiet li ghandu jitqabbad il-kuntrattur tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta b'mod unanimu.

28.6.20 Is-Sindku qalet li dan l-item ghandu jkompli jigi diskuss minhabba li ma giex ezawrit.

**Is-seduta ntemmet fit-8.30 ta' filghaxija.**

**Is-seduta ġiet aġġornata għal 24 ta' Frar, 2011 fil-5.30 ta' filghaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum L-Erbgħa...... 6...... ta' ...April...... 2011
(jum) (data) (xahar)